# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/2380

**tat-13 ta' Diċembru 2016**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti li jikkonċernaw il-kontroll politiku u direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni.

(2) Fid-19 ta' Diċembru 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUMM GEORGIA/1/2014 ([2]), li taħtar lis-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2014 sal-14 ta' Diċembru 2015.

(3) Fit-13 ta' Novembru 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2200 (EUMM GEORGIA/1/2015) ([3]), li estendiet il-mandat tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2015 sal-14 ta' Diċembru 2016.

(4) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2238 ([4]), li testendi l-mandat tal-EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2016 sal-14 ta' Diċembru 2018.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia mill-15 ta' Diċembru 2016 sal-14 ta' Diċembru 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Kęstutis JANKAUSKAS bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUMM Georgia huwa b'dan estiż sal-14 ta' Diċembru 2017.

---

([1]) ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUMM Georgia/1/2014 tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia) (ĠU L 369, 24.12.2014, p. 78).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/2200 tat-13 ta' Novembru 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) EUMM GEORGIA/1/2015) (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 40).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2238 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 15).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS